IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2020
COM(2020) 100 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Aġġornament tas-Sorveljanza Msaħħa – il-Greċja, Frar 2020

{SWD(2020) 45 final}

SFOND

L-iżviluppi ekonomiċi u l-politiki fil-Greċja huma mmonitorjati skont is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u skont il-qafas ta' sorveljanza msaħħa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013 ([1]). L-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja ([2]) tirrikonoxxi li fuq perjodu medju ta' żmien, il-Greċja jeħtiġilha tkompli tadotta miżuri bil-għan li tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji tagħha, filwaqt li timplimenta riformi strutturali biex tappoġġa tkabbir ekonomiku robust u sostenibbli.

Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi qafas komprensiv għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u t-twettiq tal-politiki meħtieġa biex jiġi żgurat irkupru ekonomiku sostenibbli. Din tippermetti li ssir valutazzjoni regolari tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji riċenti fil-Greċja, kif ukoll li jsir monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament sovran u aġġornamenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn. Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi wkoll il-qafas għall-valutazzjoni tal-impenn ġenerali li tat il-Greċja lill-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018 biex tkompli u tlesti r-riformi adottati skont il-programm tal-Mekkaniżmu

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠU L 211, 22.8.2018, p. 1), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/338 tal-20 ta' Frar 2019 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠU L 60, 20.2.2019, p. 17), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1287 tas-26 ta' Lulju 2019 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠU L 202, 31.7.2019, p. 110), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2020, C(2020)901 tad-19 ta' Frar 2020.

Ewropew ta' Stabbiltà u biex tiggarantixxi li l-objettivi tar-riformi importanti adottati skont il-programmi ta' assistenza finanzjarja jiġu salvagwardati. F'dan il-kuntest, is-sorveljanza msaħħa twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji speċifiċi biex jitlestew ir-riformi strutturali ewlenin li bdew taħt il-programm f'sitt oqsma ewlenin bi skadenzi miftiehma sa nofs l-2022, jiġifieri: (i) il-politiki fiskali u fiskali strutturali, (ii) il-ħarsien soċjali, (iii) l-istabbiltà finanzjarja, (iv) is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, (v) il-privatizzazzjoni u (vi) il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ([3]). Dan ir-rapport jivvaluta l-progress fir-rigward ta' għaxar impenji speċifiċi bl-iskadenza ta' tmiem l-2019, filwaqt li jsir il-monitoraġġ tal-azzjonijiet ta' segwitu ta' impenji preċedenti.

Dan huwa l-ħames rapport dwar is-sorveljanza msaħħa tal-Greċja. Qiegħed jinħareġ flimkien mar-Rapport tal-Pajjiż tal-Greċja għall-2020 b'konformità mas-Semestru Ewropew. Dan ir-rapport huwa bbażat fuq is-sejbiet ta' missjoni f'Ateni bejn it-22 u l-24 ta' Jannar 2020 li għamlet il-Kummissjoni flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]). Il-Fond Monetarju Internazzjonali pparteċipa fil-kuntest taċ-ċiklu tiegħu ta' Monitoraġġ wara l-Programm, filwaqt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà pparteċipa fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu u b'konformità mal-Memorandum ta' Qbil tas-27 ta' April 2018 dwar ir-relazzjonijiet ta' ħidma bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

VALUTAZZJONI ĠENERALI TAL-PROGRESS B'IMPENJI TA' RIFORMA

Dan ir-rapport jikkonkludi li l-Greċja għamlet progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-impenji speċifiċi ta' riforma tagħha għal tmiem l-2019. Il-miżuri supplimentari li qed jiġu implimentati jew imħabbra mill-gvern għandhom jippermettu t-tlestija tagħhom fil-ħin għas-sitt rapport ta' sorveljanza msaħħa skedat għal Mejju 2020. Dan jirrekjedi l-impenn kontinwu tal-awtoritajiet Griegi b'mod partikolari fis-settur finanzjarju fejn tkun meħtieġa aktar azzjoni.

- L-għaxar impenji speċifiċi li kellhom jitlestew sa tmiem l-2019 jinkludu riformi importanti bil-għan li jżidu l-effiċjenza tas-settur pubbliku Grieg, isaħħu l-effettività tal-politika soċjali, javvanzaw l-aġenda tal-privatizzazzjoni u jtejbu aktar il-kwalità tal-ambjent tan-negozju. L-awtoritajiet lestew jew waslu biex ilestu minn hawn u ftit żmien ieħor uħud mill-impenji ewlenin, fosthom ir-riformi li jsaħħu l-kapaċità tal-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku, jew l-organigrammi diġitali għas-settur pubbliku, li huma parti mill-Istrateġija għall-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani. L-iskeda ta' żmien għat-twettiq tal-impenji speċifiċi ewlenin l-oħrajn ġew aġġustati minħabba l-kumplessitajiet tal-proġetti jew tad-dewmien li ntiret. Dan kien il-każ, pereżempju, tal-introduzzjoni tal-pilastru tas-suq tax-xogħol tal-iskema tal-Introjtu mis-Solidarjetà Soċjali, li għandu l-għan li jippromwovi tkabbir sostenibbli u fit-tul tal-impjiegi, jew l-aġenda tal-privatizzazzjoni, minkejja l-momentum li kien għad hemm mill-aħħar rapport. Fl-Anness qed tingħata ħarsa ġenerali sħiħa. L-awtoritajiet huma mħeġġa jippreżentaw miżuri kumplimentari biex jiżguraw il-progress xieraq tar-riformi fir-

([3]) https://www.consilium.europa.eu/media/35749/z-councils-council-configurations-ecofin-eurogroup-2018-180621-specific-commitments-to-ensure-the-continuity-and-completion-of-reforms-adopted-under-the-esm-programme_2.pdf.

([4]) Il-persunal tal-BĊE pparteċipa fil-missjoni ta' rieżami skont il-kompetenzi tal-BĊE u b'hekk ipprovda għarfien espert dwar il-politiki tas-settur finanzjarju u kwistjonijiet makrokritiċi, bħall-miri fiskali ewlenin u s-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-finanzjament. Qabel il-missjoni ta' rieżami kien hemm missjoni teknika bejn it-13 u l-21 ta' Jannar 2020.

rigward ta' dawk li l-iskeda ta' żmien tagħhom ġiet aġġustata, bħal fl-oqsma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi jew il-piż regolatorju fuq in-negozji.

- Fir-rigward tal-impenji kontinwi, l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u tal-Parteċipazzjonijiet tinsab għaddejja u nkiseb progress dwar għadd ta' tranżazzjonijiet tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Assi, filwaqt li l-implimentazzjoni tas-saldu komplet tal-arretrati u l-ġbir tal-irkupru tal-kura tas-saħħa jeħtieġ li jiġu aċċellerati. B'rabta mal-impenji tas-settur finanzjarju, għadu qed isir progress dwar ir-riformi meħtieġa biex inaddfu l-istokk ta' self improduttiv. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa ta' prijoritizzazzjoni u żieda sinifikanti fir-ritmu ta' ċerti azzjonijiet importanti. B'mod partikolari, l-ikklirjar tal-każi pendenti ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi waqa' lura u ftit li xejn sar progress fl-indirizzar tal-impedimenti għal irkanti elettroniċi ta' suċċess.

- Fl-istess waqt l-awtoritajiet qegħdin jagħmlu progress fir-rigward tal-impenji tagħhom għal nofs l-2020, li se jiġu vvalutati fit-tieni nofs ta' din is-sena. Huma qed iwettqu l-isforzi tagħhom f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, u fil-kuntest tal-aġenda ta' riforma aktar ġenerali qegħdin iwettqu miżuri li jmorru lil hinn mill-impenji tal-Grupp tal-Euro, pereżempju fil-qasam tat-tfassil tajjeb ta' liġijiet, tal-governanza diġitali u tal-edukazzjoni.

IL-PROSPETTIVA EKONOMIKA U FISKALI

L-irkupru ekonomiku kompla matul l-2019 u mistenni jissaħħaħ fil-futur. It-tkabbir ekonomiku għall-2019 mistenni jilħaq it-2,2 %, li huwa ferm ogħla mill-medja ta' 1,2 % taż-żona tal-euro, l-aktar minħabba prestazzjoni b'saħħitha fil-qasam tal-esportazzjoni. L-istaġun turistiku tajjeb ta spinta lill-esportazzjoni tas-servizzi iżda anki l-esportazzjoni tal-prodotti baqgħet reżiljenti minkejja t-tkabbir aktar baxx fiż-żona tal-euro. Fl-2020 it-tkabbir ekonomiku mistenni jiżdied għal 2,4 %, hekk kif id-domanda domestika qiegħda tikseb momentum tajjeb, bl-appoġġ tal-aspettattivi pożittivi u l-qalba lejn taxxi favorevoli għat-tkabbir li ġiet inkluża fil-baġit tal-2020. L-irkupru tas-suq tax-xogħol mistenni jissokta, u fl-2020 ir-rata tal-qgħad mistennija tinżel għal 15,2 % filwaqt li l-inflazzjoni mbassra li se tibqa' baxxa.

Il-perspettiva għadha suġġetta kemm għar-riskji pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi. Ir-reviżjonijiet statistiċi reċenti u l-indikaturi li jagħtu stampa tal-aspettattivi tan-negozji u tal-konsumaturi jindikaw riskji pożittivi għall-2019 u l-2020. Il-projezzjoni dwar il-kontribut tas-settur estern għat-tkabbir matul l-2020 għadha waħda kawta, anke fid-dawl taż-żieda bil-mod tal-kost ta' unità lavorattiva fil-Greċja, iżda l-gwadanji fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni tal-Greċja li saru fl-2019 u qabel jistgħu jkunu iktar dejjiema, speċjalment jekk ikunu akkumpanjati minn żidiet fil-produttività. Ir-riskji negattivi huma relatati l-aktar mas-sitwazzjoni ġeopolitika inċerta u t-tensjonijiet politiċi dejjiema fir-reġjun usa', kif ukoll mas-sottoeżekuzzjoni ta' ċerti proġetti ta' investiment pubbliku li kienu ppjanati u l-effetti tagħhom fuq id-domanda domestika. Il-projezzjoni tiddependi fuq iż-żamma tar-rotta ta' riforma li ġiet miftiehma skont is-sorveljanza msaħħa. B'mod partikolari, l-għoti ta' finanzjament għall-investiment mis-settur bankarju se jiddependi fuq l-implimentazzjoni rapida tar-riformi tas-settur finanzjarju, imfassla biex jappoġġaw il-kapaċità ta' intermedjazzjoni tal-banek.

Abbażi tad-*data* preliminari għall-2019, il-Greċja mistennija taqbeż il-mira tas-surplus primarju ta' 3,5 % tal-PDG, u b'hekk se jkollha prestazzjoni aħjar fil-ksib tal-miri

fiskali tagħha għall-ħames sena konsekuttiva. Fl-2019 is-surplus primarju mistenni jilħaq madwar l-4 %, wara li jittieħed kont tad-"dividend soċjali" ta' EUR 186 miljun li se jitqassam lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-ikklirjar ta' obbligu pendenti tas-servizz pubbliku ta' EUR 200 miljun fi tmiem is-sena. Dan jikkorrispondi għal surplus nominali ta' madwar 1,6 % tal-PDG, meta mqabbel mad-defiċit ta' 0,8 % tal-PDG li huwa projettat għaż-żona tal-euro. Qabel il-pagamenti ta' tmiem is-sena, il-prestazzjoni aħjar milli mistenni fil-konfront tat-3,8 % tal-bilanċ tal-PDG li ġie projettat fir-rapport preċedenti kienet tilħaq madwar 4,2 % tal-PDG. Id-differenza tista' tiġi attribwita l-aktar għal dħul aħjar milli mistenni mill-kontribuzzjonijiet soċjali u mit-taxxi, u għas-sottoeżekuzzjoni tan-nefqa tal-konsum. Parti mir-riżultati aħjar b'rabta mad-dħul inkisbu grazzi għal fatturi ta' darba.

Filwaqt li ġeneralment ħalla impatt newtrali fuq il-bilanċ, l-investiment tal-gvern ġenerali kien 1,1 % tal-PDG anqas milli kien ġie ppjanat fil-bidu. Biex jiġi indirizzat l-infiq rikorrenti anqas milli bbaġitjat mill-Baġit tal-Investiment Pubbliku, l-awtoritajiet bdew jimplimentaw pjan ta' azzjoni li jtejjeb il-monitoraġġ tiegħu. Bħalissa l-pjan ta' azzjoni jinsab fit-triq it-tajba biex jitwettaq sa tmiem l-2021. Il-pjani biex tinħoloq faċilità għat-tħejjija tal-proġetti għadhom fi stadju bikri iżda mistennija jikkontribwixxu għal eżekuzzjoni akbar u aktar immirata tal-Baġit tal-Investiment Pubbliku. Is-sottoeżekuzzjoni tal-Baġit tal-Investiment Pubbliku qed toħloq aktar tħassib anke fil-kuntest tal-ħidma teknika dwar l-użu possibbli tal-ammonti ekwivalenti għall-introjtu tal-SMP-ANFA għall-investimenti li ġew miftiehma (ara wkoll aktar 'l isfel).

L-awtoritajiet bdew jimplimentaw il-baġit tal-2020, li fir-rapport preċedenti tqies konformi mal-mira fiskali ta' 3,5 % tal-PDG, u qegħdin jistennew li fir-rebbiegħa se jinħoloq l-ispazju fiskali għall-finanzjament ta' miżuri addizzjonali. L-għan tal-gvern huwa li jkompli jnaqqas it-taxxa fuq il-proprjetà ENFIA filwaqt li jestendi l-bażi għat-taxxa, u li jnaqqas l-imposta ta' solidarjetà speċjali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Għal dak il-għan, hemm ir-riskju li t-tnaqqis gradwali tat-taxxa korporattiva għal 20 %, li tħabbar f'Lulju tal-2019, jiġi pospost. Se ssir valutazzjoni ta' dawn il-miżuri fil-kuntest tat-tħejjija tal-Istrateġija Fiskali fuq Terminu Medju, li trid issir f'Mejju 2020, flimkien ma' rivalutazzjoni ta' wħud mill-miżuri fiskali minuri li huma inklużi fil-baġit tal-2020. L-Istrateġija Fiskali fuq Terminu Medju mistennija tirrefletti wkoll ir-riforma tal-pensjonijiet li se ssir f'qasir żmien, u li bħalissa qed titfassal bil-għan li tirrispondi għad-deċiżjoni tal-2019 tal-Kunsill tal-Istat b'manjiera fiskalment newtrali, u l-kost tal-ikklirjar tal-istokk tal-garanziji statali attivati fir-rigward ta' self bankarju, li f'ħames snin se jiswew 1,1 % tal-PDG.

Minħabba ż-żieda tal-flussi migratorji, l-awtoritajiet indikaw li l-aġġustatur attwali tal-migrazzjoni ma jagħtix stampa għalkollox reali tal-kosti totali tal-kriżi tal-migrazzjoni ([5]). L-aġġustatur tal-migrazzjoni li ġie miftiehem jippermetti t-tneħħija ta' mhux iktar minn 0,2 % tal-PDG tan-nefqa relatata mal-migrazzjoni (lil hinn mill-fondi tal-UE) mill-bilanċ primarju, iżda abbażi tal-metodoloġija attwali l-ammonti reali mnaqqsa mill-bilanċ primarju huma kostantement ħafna anqas minn dan il-livell. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet Ewropej bdew jivvalutaw l-ostakli li jimpedixxu lill-awtoritajiet milli jinkludu l-kosti totali fl-aġġustatur u se jirrapportaw dwar is-sejbiet fir-rapport li jmiss.

([5]) Id-definizzjoni tal-aġġustatur tal-migrazzjoni li jinsab fis-seħħ bħalissa tinsab fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Greċja SWD(2018) 516, in-nota 5 f'qiegħ il-paġna. https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/c_2018_8016_el_en.pdf

B'mod ġenerali, il-prospettiva fiskali u ekonomika tal-Greċja tjiebet. L-issoktar ta' prestazzjoni fiskali soda u l-aġenda ta' politiki li jiffavorixxu t-tkabbir ħallew l-impatt tagħhom fuq l-ambjent ekonomiku issa li l-indikaturi tas-sentiment qegħdin joqorbu lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-Greċja rnexxielha tirritorna lejn is-suq tal-bonds sovrani u kisbet fost l-aktar rendimenti baxxi fl-istorja. Id-differenza fir-rendimenti naqsu konsiderevolment matul is-sena li għaddiet u l-perspettiva mtejba tal-ekonomija Griega wasslet għat-titjib gradwali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Greċja. Ir-rispett tal-impenji ta' riforma se jkun fundamentali għas-sostenn tal-prospetti tat-tkabbir fuq terminu medju u fit-tul.

Minkejja l-prospettiva pożittiva, il-finanzi pubbliċi tal-Greċja għadhom jiffaċċjaw riskji fiskali, li f'dan l-istadju diffiċli biex jiġu kkwantifikati. L-ewwel nett, minkejja d-deċiżjoni reċenti tal-Kunsill tal-Istat dwar ir-riformi tal-pensjonijiet li saru fl-imgħoddi, għad fadal għadd kbir ta' każi fejn qed isiru talbiet għal ħlasijiet retroattivi lill-pensjonanti u li se jiġu indirizzati mill-Kunsill tal-Istat permezz ta' "testijiet pilota" biex jiġi żgurat approċċ armonizzat fil-qrati kollha. Riskju fiskali ieħor joriġina mill-każi ta' litigazzjoni ta' Attikos Helios, kumpanija li topera fl-industrija tat-turiżmu u tal-ospitalità, kontra l-Public Real Estate Company. Bħalissa dan il-każ għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Ateni. L-arranġamenti ppjanati li jikkonċernaw il-fond ta' pensjoni supplementari privat tan-National Bank of Greece (bank kummerċjali privat) qed joħolqu pressjonijiet fiskali addizzjonali. L-impatt fiskali se jiddependi fuq meta tittieħed kunsiderazzjoni statistika tat-trasferiment tal-obbligazzjonijiet tal-pensjoni lill-gvern ġenerali kif ukoll fuq is-sentenzi ta' żewġ każi pendenti li jinsabu quddiem il-qorti u li jinvolvu l-partijiet kollha kkonċernati (l-istat, il-bank u l-pensjonanti).

Inbdew diskussjonijiet tekniċi dwar l-użu possibbli tal-ekwivalenti tal-introjtu l-SMP-ANFA biex jitnaqqsu l-ħtiġijiet ta' finanzjament gross jew ta' investimenti oħra li ġew miftiehma. Fis-segwitu tal-mandat rispettiv li ngħata mill-Grupp tal-Euro f'Diċembru 2019([6]), l-awtoritajiet ikkondividew il-kunsiderazzjonijiet inizjali tagħhom dwar l-użu tal-ekwivalenti tal-introjtu SMP-ANFA u l-impatt relatat fuq il-bilanċ strutturali matul il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa. L-istituzzjonijiet Ewropej qed jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet fil-livell tekniku, bil-għan li jirrapportaw lill-Grupp tal-Euro f'Ġunju 2020. Hemm qbil ġenerali li l-investimenti għandhom ikunu favorevoli għat-tkabbir. L-awtoritajiet ipproponew ukoll li jitqies il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' livellar fiskali li jippermetti li tittieħed kunsiderazzjoni tal-prestazzjoni aħjar milli mistenni fl-imgħoddi fir-rigward tal-miri tas-surplus primarju fis-sena ta' wara, kif ukoll it-tnaqqis tal-mira tas-surplus primarju sal-2022. Kull proposta li tibdel il-ftehim milħuq mal-imsieħba Ewropej f'Ġunju 2018 tkun trid tiġi diskussa fil-Grupp tal-Euro b'kunsiderazzjoni tal-konformità mal-qafas fiskali tal-UE u s-sostenibbiltà tad-dejn.

IL-FINANZJAMENT SOVRAN U S-SOSTENIBBILTÀ TAD-DEJN

Il-Greċja saħħet il-preżenza tagħha fis-suq tal-bonds sovrani meta ħarġet bonds ġodda f'Jannar 2020. B'mod partikolari, fi tmiem Jannar inħareġ bond ta' 15-il sena li jammonta għal EUR 2.5 biljun. Fl-isfond ta' interess qawwi min-naħa tal-investituri, il-ktieb tal-

([6]) L-istituzzjonijiet Ewropej ingħataw mandat mill-Grupp tal-Euro biex jibdew il-ħidma teknika dwar l-użu possibbli ta' ekwivalenti ta' introjtu ANFA u SMP biex jitnaqqsu l-ħtiġijiet ta' finanzjament gross jew għall-finanzjament ta' investimenti li jkunu ġew miftiehma reċiprokament, b'konformità mal-miri fiskali maqbula u mad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ta' Ġunju 2018. Id-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro dwar il-Greċja tal-4 ta' Diċembru 2019: https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2019/12/04/eurogroup-statement-on-greece-of-4-december-2019/.

ordnijiet finali qorob id-EUR 19-il biljun, u r-rendiment ta' 1,9 % li nkiseb kien anqas milli mistenni. Madwar 84 % tal-bonds li ġew irkantati nbiegħu lil investituri barranin, l-aktar lil investituri bi flus reali. Kienet l-ewwel darba minn żmien il-kriżi li l-Greċja ħarġet bond b'maturità daqstant twila fuq irkant miftuħ, u għall-ewwel darba ħarġet bond li jimmatura wara tmiem il-perjodu ta' differiment attwali tas-self tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, jiġifieri l-2032. Dan jindika li anki f'dan l-orizzont l-investituri qed jaraw riskju limitat ta' rifinanzjament. Abbażi tal-istrateġija ta' finanzjament, jista' jiġi mistenni li din is-sena jinħarġu aktar bonds, li jistgħu jiffinanzjaw aktar il-ħlas lura bikri tad-djun tas-settur uffiċjali u privat. Id-differenza fir-rendimenti tad-dejn sovran kompliet tonqos, hekk kif f'nofs Frar id-differenzi fuq 10 snin fil-konfront tal-Ġermanja laħqu l-livell ta' 140 punt bażi, filwaqt li l-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Greċja kompliet titjieb. Il-Greċja għad għandha riżervi sinifikanti ta' likwidità, filwaqt li r-riżervi ta' likwidità statali fi tmiem l-2019 kien stmat li jlaħħqu t-EUR 23.5 biljun, biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' finanzjament għal aktar minn sentejn jekk jintlaħqu l-miri tal-bilanċ primarju.

Sar aġġornament sekwenzjali tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn. L-aġġornament tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u d-*data* riċenti dwar il-ħruġ ta' bonds juru li d-dejn se jibqa' jonqos (għajr għal tibdil minħabba l-kapitalizzazzjoni tal-imgħax differit fl-2033), iżda sal-2040 se jibqa' ogħla minn 100 % tal-PDG. Xenarju ieħor b'aġġornament addizzjonali tar-rati tal-imgħax kif inħadmu skont il-qafas attwali juri li d-dejn se jibqa' ogħla minn 100 % tal-PDG sal-2039. Fl-ewwel xenarju l-ħtiġijiet finanzjarji grossi tal-Greċja jilħqu madwar it-13,5 % tal-PDG u 12 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' tbassir tat-tieni xenarju. Għaddejja reviżjoni komprensiva tal-qafas tas-suppożizzjonijiet sottostanti tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn li tintuża mill-istituzzjonijiet Ewropej u se titlesta fil-ħin għas-6 rapport dwar is-sorveljanza msaħħa.

IT-TASSAZZJONI U L-ĠESTJONI FINANZJARJA PUBBLIKA

Inkiseb progress importanti fl-ilħuq tal-estensjoni tal-bażi taxxabbli għall-eżerċizzju tal-2020 tat-taxxa fuq il-proprjetà ENFIA, u b'hekk is-sehem mill-popolazzjoni li hu kopert mis-sistema ta' żoni żdied minn 85 % għal 98 %. Fir-rebbiegħa tal-2020 mistenni jitlesta eżerċizzju ta' rivalutazzjoni madwar il-pajjiż kollu bil-għan li sa nofs l-2020 il-valuri tat-taxxa fuq il-proprjetà jiġu allinjati mal-prezzijiet tas-suq, li huwa impenn speċifiku. Il-baġit tal-2020 jimplika eżerċizzju ta' taxxa fuq il-proprjetà kważi newtrali għall-baġit abbażi tal-valuri l-ġodda, b'żieda żgħira ta' madwar EUR 140 miljun fi dħul mill-ENFIA meta mqabbel mal-2019. It-twessigħ tal-bażi jista' jagħti lok għar-ristrutturar tar-rati u tal-livelli limitu tat-taxxa fuq il-proprjetà.

L-għadd ta' persunal fl-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku żdied matul l-2019 iżda ma laħaqx il-mira ta' tmiem l-2019 (impenn speċifiku sa tmiem l-2019 u li ġie ssostitwit minn miżuri ekwivalenti). Fl-2019 l-għadd ta' persunal żdied għal 11 902, żieda ta' 264 meta mqabbel mal-bidu tas-sena. Madankollu, meta titqies l-akkumulazzjoni minn dewmien preċedenti, il-livell attwali tal-persunal baqa' anqas mill-mira inizjali ta' 12 500. It-tiġdid tal-mandat tal-Gvernatur tal-Awtorità Indipendenti jagħti l-kontinwità u se jiffaċilita t-trasformazzjoni tagħha f'awtorità tat-taxxa effiċjenti u effettiva konformi mal-aħjar prattiki.

Sar progress kumplessiv tajjeb b'rabta mal-miżuri kumplementari maqbula fid-dawl tan-nuqqas li tintlaħaq il-mira fl-għadd tal-persunal, partikolarment f'dak li jikkonċerna r-riforma tar-riżorsi umani u l-kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni, u huma mistennija javvanzaw aktar sa tmiem April 2020. Il-leġiżlazzjoni supplimentari dwar l-iggradar, li hija prerekwiżit għar-riforma tar-riżorsi umani, ġiet adottata u l-leġiżlazzjoni ta'

segwitu li tiddefinixxi l-qafas tar-remunerazzjoni fir-rigward tas-sistema tal-iggradar mistennija li tiġi adottata sa tmiem April. F'dak li jikkonċerna l-qafas tal-IT, ġew identifikati l-oqsma ewlenin fejn il-kompetenzi u r-riżorsi bejn l-Awtorità u s-servizzi rilevanti tal-Ministeru għall-Governanza Elettronika se jkollhom jiġu ċċarati sa April 2020, li għandu jwassal għal Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz li jrid jintlaħaq sa nofs l-2020. Fl-aħħar nett, ġie definit pjan direzzjonali dettaljat dwar ir-rilokazzjoni tal-Awtorità f'post wieħed issa li ttieħdet id-deċiżjoni li l-entità pubblika li tokkupa l-bini bħalissa se toħroġ minnu kif ukoll l-offerta biex l-Awtorità tiggarantixxi l-kiri tiegħu, x'aktarx sa Marzu 2020. B'konformità mal-pjan direzzjonali l-Awtorità mistennija tidħol fil-bini l-ġdid sa April 2021.

L-awtoritajiet qegħdin jagħmlu progress fuq għadd ta' proġetti ewlenin li jtejbu l-kapaċità tal-Awtorità u qed iħejju pjan aktar ambizzjuż kontra l-kuntrabandu. Għaddejja ħidma fuq sistema tal-IT għal sistema tal-ġbir minn tarf sa tarf (impenn speċifiku sa nofs l-2021) u l-"uffiċċju tal-ġbir mudell", filwaqt li l-pjani dwar l-introduzzjoni tal-fatturar elettroniku fl-2020 qegħdin jimxu 'l quddiem. L-awtoritajiet qed jippjanaw ukoll li jsaħħu ċ-Ċentru tal-Koordinazzjoni Operazzjonali, li nħoloq bħala impenn tal-programm bil-missjoni li jiġġieled il-kuntrabandu u li jikkoordina s-servizzi rilevanti. Riċentement iċ-Ċentru tnaqqsitlu l-kapaċità tiegħu għaliex l-issekondar tal-persunal ma ġiex imġedded u l-leġiżlazzjoni primarja li tindirizza din il-kwistjoni mistennija li tiġi adottata f'qasir żmien. L-awtoritajiet qed jippjanaw li jżidu l-għadd ta' membri fil-kumitat ta' tmexxija taċ-Ċentru sal-livell ta' viċi ministri u tal-Gvernatur tal-Awtorità, li se jirriżulta f'koordinazzjoni aktar effiċjenti. Operazzjonalment iċ-Ċentru se jibqa' integrat fl-istruttura tal-Awtorità u l-kapaċità kumplessiva tiegħu se tissaħħaħ.

L-awtoritajiet reġgħu fetħu l-iskema ta' 120 ħlas parzjali għall-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għal dawk li kienu nqatgħu mill-iskema, li qajmet xi tħassib dwar il-kredibbiltà tal-impenn tal-awtoritajiet li jitterminaw il-prattika li jiġu pprovduti skemi ta' ħlas parzjali fit-tul *ad hoc*. L-awtoritajiet sostnew li ħafna debituri kienu nqatgħu mill-iskema involontarjament minħabba żbalji fis-sistema tal-IT. Madankollu, id-dispożizzjoni legali li ġiet adottata għar-riammissjoni possibbli tagħhom sa tmiem Mejju 2020 tidher sproporzjonalment ġeneruża, kemm fir-rigward tal-perjodu għar-riammissjoni u tal-eliġibbiltà, billi tippermetti anke r-riammissjoni ta' debituri li kienu naqsu ġenwinament milli jikkonformaw mar-regoli. Għaldaqstant, il-fatt li l-awtoritajiet ippreżentaw emenda għal din il-liġi li se tqassar il-perjodu sa tmiem Marzu 2020 u li se tillimita l-eliġibbiltà tar-riammissjoni, intlaqa' tajjeb.

Sa tmiem l-2019 l-istokk ta' arretrati netti laħaq il-EUR 1.2 biljun, ammont li qabeż il-mira ta' pjan tal-ikklirjar ta' Ottubru 2019 (impenn kontinwu) b'EUR 220 miljun. Meta mqabbel ma' Awwissu 2019, l-istokk ta' arretrati netti naqas b'EUR 50 miljun. L-ineffiċjenzi fl-ikklirjar ta' pretensjonijiet ta' pensjoni u l-iżbalji biex l-istokk nett tal-arretrati ta' pensjoni jinħadem bir-reqqa jispjegaw il-parti l-kbira tal-iżbalji. Uħud mid-diskrepanzi mal-miri ġew osservati fl-arretrati tal-gvern statali u dawk lokali. Qegħdin jitħejjew miżuri addizzjonali li jiffokaw b'mod partikolari fuq l-arretrati tal-pensjonijiet, filwaqt li wħud minnhom diġà bdew jiġu implimentati. Il-miżuri msemmija jinkludu għadd ta' emendi leġiżlattivi li jirregolaw il-pagamenti ta' ċerti arretrati, monitoraġġ aktar mill-qrib, taħriġ addizzjonali u l-iskambju tal-aħjar prattiki. L-awtoritajiet għadhom impenjati favur il-pjan ta' kklirjar ta' Ottubru 2019 u jistennew li jilħqu l-mira tal-ikklirjar tal-pretensjonijiet għal pensjoni pendenti sa nofs l-2021.

Filwaqt li l-istokk nett qed jonqos, għadhom qed jinħolqu arretrati ġodda, li jista' jiġi spjegat minħabba dgħufijiet fil-katina tal-pagamenti u fil-funzjonijiet tal-kontroll

intern. Fil-kuntest tal-ħolqien ta' ktajjen tal-pagament fil-ħin, in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' kontroll intern effettivi għadu jikkawża tħassib u huwa fattur fit-tnaqqis tar-ritmu tal-ipproċessar ta' pagamenti, speċjalment f'entitajiet fejn l-awditi *ex-ante* li jsiru mill-Qorti tal-Awditjar ġew eliminati reċentement. Il-Qorti qed tagħmel stħarriġ wiesa' dwar il-kwistjoni fl-amministrazzjoni pubblika bil-għan li jiġi aċċellerat il-ħolqien ta' sistemi effettivi ta' kontroll intern sa tmiem din is-sena, u biex tipprovdi iktar gwida jekk ikun hemm bżonnha. L-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà impenja ruħu li jeżamina r-rakkomandazzjonijiet dwar is-simplifikazzjoni tal-katina tal-pagamenti permezz ta' proġett reċenti ta' appoġġ tekniku mogħti mill-Fond Monetarju Internazzjonali, u li jadotta azzjonijiet ta' mitigazzjoni kull fejn ikunu meħtieġa.

Il-qafas għall-monitoraġġ ta' flus kontanti tas-sistema tal-kontabbiltà ġenerali tat-Teżor tal-gvern iddaħħal fis-seħħ, filwaqt li qiegħed jiġi implimentat proġett pilota dwar it-tbassir ta' flus kontanti (it-tnejn li huma huma impenji speċifiċi ta' tmiem l-2019). L-entitajiet sinifikanti kollha tal-gvern ġenerali feħu kontijiet mal-Bank of Greece u jużawh biex jirċievu għotjiet jew sussidji statali. Xi entitajiet żgħar għadhom ma għamlux dan iżda l-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà qiegħed jipprevedi li dalwaqt jieħu passi biex jiżgura l-kopertura totali. Fl-aħħar tal-2019 inbeda proġett pilota dwar it-tbassir ta' flus kontanti li se jirriżulta fl-iżvilupp ta' strateġija għall-implimentazzjoni tiegħu fil-bqija tal-entitajiet sa Ottubru 2020. Fid-dawl tal-kumplessità tiegħu, il-proġett ser jiġi vvalutat abbażi ta' rapport interim li hu mistenni sa tmiem Marzu u abbozz ta' strateġija għall-implimentazzjoni sal-aħħar ta' April.

L-implimentazzjoni ġenerali tat-Tabella Unifikata tal-Kontijiet, li hija impenn speċifiku tal-amministrazzjoni ċentrali sa nofs l-2021, miexja 'l quddiem iżda l-implimentazzjoni tagħha fil-gvern ċentrali kollu, fosthom fil-Baġit tal-Investiment Pubbliku, għadha diffiċli. L-istruttura tal-governanza tal-proġett tat-Tabella tal-Kontijiet issaħħet konsiderevolment u issa hija meqjusa bħala għodda ġenerali għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u tinkludi l-akkwist pubbliku u l-fatturar elettroniku. Madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tat-Tabella tal-Kontijiet fil-Baġit tal-Investiment Pubbliku mhijiex turi progress suffiċjenti. Il-pjan rivedut tal-awtoritajiet se jirrekjedi aktar xogħol, partikolarment rigward l-implimentazzjoni tat-Tabella tal-Kontijiet fil-faži tal-ippjanar tal-baġit, fir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti.

IL-ĦARSIEN SOĊJALI

Għalkemm is-sitwazzjoni soċjali għadha diffiċli, huwa mistenni li se tissokta titjieb, grazzi għall-effett ikkombinat tal-irkupru ekonomiku u tar-riformi tal-ħarsien soċjali li seħħew f'dawn l-aħħar snin. Ittieħdu passi maġġuri biex tittejjeb l-effiċjenza, l-effettività u l-idoneità tas-sistema tal-ħarsien soċjali: l-introduzzjoni tal-iskema ta' introjtu minimu garantit u l-benefiċċju tal-akkomodazzjoni. Skont l-aħħar *data* disponibbli, bejn l-2017 u l-2018 is-sehem tan-nies fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas minn 34,8 % għal 31,8 %, filwaqt li l-perċentwal tad-deprivazzjoni materjali estrema naqas minn 21,1 % għal 16,7 %. Filwaqt li l-benefiċċju tal-akkomodazzjoni jagħti appoġġ għall-kosti tal-kiri lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, ma hemm l-ebda appoġġ permanenti simili għal sidien ta' djar b'self ipotekarju ([7]). It-tlestija tar-riforma tas-sistema tal-benefiċċji ta' diżabbiltà u r-

([7]) Bħalissa hemm fis-seħħ sistema ta' protezzjoni ta' residenzi primarji taħt il-liġi dwar l-Insolvenza tal-Unitajiet Domestiċi (Katseli) u għaldaqstant tkopri biss is-self ipotekarju improduttiv, li madankollu se tiskadi fi tmiem April 2020.

rieżami tas-sistema ta' sussidji għat-trasport pubbliku lokali jistgħu jtejbu l-effiċjenza tas-sistema tal-ħarsien soċjali.

L-awtoritajiet qed iħejju aġġustamenti biex il-leġiżlazzjoni tal-pensjoni tinġieb konformi mad-deċiżjoni tal-2019 tal-Kunsill tal-Istat. L-aġġustamenti se jinkludu rati ta' akkumulazzjoni ogħla għall-karrieri ta' aktar minn 30 sena, sistema ġdida ta' kontribuzzjonijiet soċjali għal min jaħdem għal rasu, u ritorn għal-livelli ta' qabel l-2014 fir-rigward tal-pensjonijiet supplimentari, li l-qtugħ tagħhom tqies li jmur kontra l-kostituzzjoni. Iż-żieda fir-rati ta' akkumulazzjoni se tkompli żżid il-ġenerożità tas-sistema għall-persuni b'karrieri itwal u twassal għal rati ta' sostituzzjoni medji għoljin meta mqabbla mal-istandards Ewropej. B'rabta mal-kontribuzzjonijiet soċjali, l-awtoritajiet qed jippjanaw li jiddiżakkoppjaw il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu minn dawk li jaħdmu għal rashom mill-introjtu li jiddikjaraw, filwaqt li jiżdied l-ammont minimu li jitħallas. L-impatt li qed jitbassar tal-miżuri l-ġodda huwa anqas minn 0,5 % tal-PDG, li l-awtoritajiet qed jippjanaw li jiffinanzjawh billi jgħaddu (parti mir-)riżorsi mit-13-il pensjoni li ddaħħlet mill-ġdid fl-2019. Il-parti li għad fadal tal-baġit li ġiet allokata għat-13-il pensjoni se tintuża biex tkopri l-kosti tal-politiki tas-saħħa u tal-ħarsien soċjali, fejn pereżempju tista' tappoġġa żieda fl-introjtu minimu garantit taħt l-iskema tal-Introjtu tas-Solidarjetà Soċjali jew introduzzjoni ta' benefiċċju permanenti għal sidien ta' djar vulnerabbli b'self ipotekarju.

L-awtoritajiet żviluppaw pjan ta' azzjoni biex jirrimedjaw id-dewmien fil-ħolqien tal-Fond Uniku għas-Sigurtà Soċjali, li huwa impenn speċifiku ta' nofs l-2020. Fix-xhur li ġejjin se tibda l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni ambizzjuż għad-diġitalizzazzjoni tal-Fond Uniku għas-Sigurtà Soċjali bil-għan li s-sistemi tal-IT tal-fondi kollha preċedenti jiġu unifikati f'waħda u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi sa tmiem l-2020 u nofs l-2021. L-awtoritajiet ħabbru wkoll id-deċiżjoni li jintegraw il-Fond Supplimentari tal-Pensjoni mal-Fond Uniku għas-Sigurtà Soċjali sabiex titjieb l-effiċjenza.

Issoktaw il-proċeduri amministrattivi għall-ġbir tal-irkupru (impenn kontinwu), u qed jitħejjew miżuri biex jiġi limitat id-daqs tal-ammonti li jiġu rkuprati. Il-ġbir tal-irkupru fir-rigward tal-prodotti mediċinali jinsab għaddej (permezz tal-iskema ta' 120 ħlas parzjali li ġiet introdotta fl-2019) u dan se jibda dalwaqt għall-kliniki privati u fornituri oħra. L-ammonti dejjem jiżdiedu tal-ammonti rkuprati, speċjalment fir-rigward tal-prodott mediċinali, qed jikkawżaw tħassib. L-awtoritajiet qed jippjanaw li jsaħħu l-isforzi tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-preskrizzjoni obbligatorja/protokolli tat-trattament, bil-għan li titrażżan l-imġiba ta' preskrizzjonijiet mhux xierqa, u li jsaħħu l-kapaċità tagħhom fin-negozjati dwar il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali speċjalment fir-rigward ta' mediċini bi prezz għoli. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jikkunsidraw l-inklużjoni ta' element ta' kondiviżjoni tar-riskju fis-sistema tal-irkupru u biex jiżguraw l-idoneità tal-baġits tal-isptarijiet b'rabta mal-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa tal-popolazzjoni.

Il-ħolqien ta' netwerk komprensiv ta' unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja, li huwa impenn speċifiku ta' nofs l-2020, mexa 'l quddiem wara li tħabbar it-tfassil mill-ġdid tas-sistema. Skont l-istrateġija riveduta, il-120 Unità Lokali tas-Saħħa li fadal (it-"TOMYs") se jibdew joperaw mill-bini taċ-Ċentri tas-Saħħa eżistenti. Minkejja dan, l-introduzzjoni totali tal-netwerk tal-kura primarja se tkompli tiffaċċja diffikultajiet importanti, fosthom l-impjegar tal-għadd meħtieġ ta' tobba tal-familja, filwaqt li r-reġistrazzjoni u l-kontroll obbligatorji għadhom ma tlestewx għalkollox. It-tlestija tan-netwerk b'kopertura sħiħa tal-popolazzjoni sa nofs l-2020 mhijiex se tkun possibbli, iżda l-istrateġija l-ġdida tindirizza wħud mill-għejun ewlenin tad-dewmien sal-lum, u l-awtoritajiet huma fiduċjużi li se jkunu jistgħu jiffinalizzaw

l-introduzzjoni sħiħa tagħhom fosthom il-funzjonijiet ta' kontroll u riferiment sa tmiem l-2020.

Se jkun diffiċli li tintlaħaq il-mira ta' sehem ta' 30 % tal-akkwist pubbliku ċentralizzat, li huwa impenn speċifiku ta' nofs l-2020, iżda t-tnedija ppjanata ta' akkwist pubbliku deċentralizzat fil-livell reġjonali għandha l-potenzjal li tgħaġġel il-proċess. L-awtoritajiet ippreżentaw strateġija riveduta għall-akkwist pubbliku ċentralizzat, u fl-istess ħin ittrasformaw il-korp ċentrali l-ġdid tal-akkwist pubbliku fil-qasam tas-saħħa f'entità legali tad-dritt privat. L-istrateġija l-ġdida tipprevedi d-deċentralizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fil-livell reġjonali, li għandha twassal biex il-proċeduri jsiru anqas ikkumplikati mil-lat amministrattiv, tgħaġġel il-proċess tal-offerti u toffri iktar opportunitajiet ta' applikazzjonijiet. L-awtoritajiet qed jippjanaw li jużaw aħjar l-Osservatorju tal-Prezzijiet biex jiżguraw li l-infiq ineffiċjenti evitabbli jkun jista' jiġi rettifikat mill-aktar fis possibbli.

Ir-riforma tal-qafas tal-benefiċċji tad-diżabbiltà, li hija impenn speċifiku ta' nofs l-2019, għaddejja tajjeb iżda ntlaqtet minn dewmien sinifikanti li mhuwiex fil-kontroll tal-awtoritajiet. Il-metodoloġija l-ġdida għandha tiġi żviluppata abbażi tal-evalwazzjoni tal-proġett pilota, iżda l-verżjoni finali tagħha għadha ma tlestietx. L-awtoritajiet qablu li jipprovdu skeda ta' żmien riveduta ġdida għall-introduzzjoni nazzjonali sa April 2020, u li se tqis il-kwistjonijiet li ġew identifikati mill-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni. L-awtoritajiet ħabbru l-intenzjoni tagħhom biex jirrieżaminaw is-sensiela sħiħa ta' benefiċċji u servizzi għall-persuni b'diżabbiltà bil-għan li jissaħħaħ l-għoti ta' benefiċċji u servizzi *in natura*.

L-evalwazzjoni tas-sistema ta' sussidji għat-trasport pubbliku lokali, li hija impenn speċifiku ta' tmiem l-2019, hija mistennija li titlesta sa tmiem April 2020. Id-dewmien huwa kkawżat minħabba l-ħafna benefiċjarji distinti (għaxar gruppi differenti fil-popolazzjoni jirċievu dawn it-tipi ta' sussidji) u l-involviment ta' għadd ta' ministeri differenti.

IL-POLITIKA FINANZJARJA

Wara t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-kapital f'Settembru 2019, is-settur bankarju ssokta jissaħħaħ, iżda r-riskji u d-diffikultajiet ta' legat baqgħu għoljin. Id-depożiti domestiċi komplew jiżdiedu u qed ikomplu jsaħħu s-sitwazzjoni tal-likwidità tal-banek Griegi. Il-profittabbiltà tal-banek qed turi sinjali ta' rkupru iżda għadha dgħajfa. Il-banek huma konformi mar-rekwiżiti tal-kapital tagħhom iżda fil-parti l-kbira tagħha l-istruttura kapitali hija dipendenti fuq assi relatati mal-Istat, speċifikament minħabba l-ammont għoli ta' krediti ta' taxxa differiti. Fl-2019, is-self nett tal-banek lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kompla jmur għall-aħjar, filwaqt li ż-żieda tal-kreditu lill-unitajiet domestiċi baqgħet fin-negattiv, fl-isfond ta' tnaqqis ulterjuri fir-rati tas-self.

Il-pass tat-tnaqqis tas-self improduttiv aċċellera fl-2019 iżda l-livelli għadhom għoljin ħafna. Fi tmiem Settembru 2019 l-istokk tas-self improduttiv naqas għal EUR 71.2 biljun, tnaqqis ta' EUR 36 biljun mill-ogħla livell f'Marzu 2016, li jirrappreżenta proporzjon ta' 42,1 % tas-self totali tal-klijenti. Sal-lum kienu l-bejgħ u t-tħassir li xprunaw it-tnaqqis tas-self improduttiv, filwaqt li l-kapaċità interna tal-banek biex isolvu l-problema tas-self improduttiv għadha tippreżenta sfida.

Jekk l-iskema tal-protezzjoni tal-assi Hercules tiġi implimentata b'suċċess u b'mod rapidu jista' jkun li t-tnaqqis tas-self improduttiv għall-erba' banek sistemiċi jiġi aċċellerat. L-iskema se topera fuq perjodu ta' 18-il xahar b'pakkett ippjanat ta' massimu ta'

EUR 12-il biljun f'garanziji statali. L-erba' banek sistemiċi esprimew l-interess tagħhom li jieħdu sehem fl-iskema u jinsabu fil-proċess li jagġornaw l-istrateġiji tagħhom tat-tnaqqis tas-self improduttiv kif xieraq. Issa l-enfasi tinsab fuq l-implimentazzjoni b'suċċess u f'waqtha tal-iskema.

L-awtoritajiet qed jaħdmu fuq ir-riforma tal-qafas tal-insolvenza li bħalissa huwa frammentat, b'mod li jikkontribwixxi għal tnaqqis vijabbli tad-dejn privat u pubbliku f'qasir żmien, filwaqt li qed jaċċelleraw il-pass tal-implimentazzjoni tal-għodod eżistenti għar-riżoluzzjoni tas-self improduttiv u biex itejbu l-effettività tagħhom. L-azzjonijiet enfasizzati aktar 'l isfel huma segwiti u vvalutati b'konformità mas-sorveljanza msaħħa tal-**impenn kontinwu** għall-*"issoktar tal-implimentazzjoni ta' riformi mmirati lejn il-fejqan tas-sistema bankarja, fosthom l-isforzi ta' riżoluzzjoni fir-rigward tas-self improduttiv":*

- **L-armonizzazzjoni tal-qafas tal-insolvenza**: Il-ħidma preparatorja fuq l-armonizzazzjoni u l-integrazzjoni tar-reġimi ta' insolvenza korporattivi u personali tinsab għaddejja, u l-qafas il-ġdid mistenni jiġi adottat sa tmiem April 2020. Indipendentement mill-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid, l-iskema tal-Protezzjoni tar-Residenza Primarja wkoll se tiskadi fl-aħħar ta' April. Is-sistema l-ġdida mistennija, fost l-oħrajn, tindirizza t-tfixkil statutorju ta' bħalissa għat-trattament tad-dejn eċċessiv, għall-kumplessità proċedurali tal-oqfsa eżistenti, u għall-istimulazzjoni tal-kooperazzjoni fost il-krediturі. L-awtoritajiet qed jikkontemplaw it-tfassil ta' qafas li fil-bidu jista' jkun jiddependi fuq is-soluzzjoni preġudizzjarja, bl-għajnuna ta' mezzi elettroniċi, f'tentattiv biex isir ristrutturar amikevoli tad-dejn. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas il-ġdid se tiddependi b'mod kruċjali fuq l-aċċellerazzjoni u l-ottimizzazzjoni effettivi tal-proċessi ġudizzjarji tal-insolvenza. L-awtoritajiet ħejjew deskrizzjoni preliminari tal-abbozz tal-liġi. Bħalissa dan qed jiġi vvalutat u kkonsultat mal-istituzzjonijiet sakemm jiġi elaborat aktar.

- **L-ikklerjar tal-każi pendenti ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi**: Fi tmiem Diċembru 2019 l-għadd ta' każi pendenti ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi kien jaqbeż is-86 000, li jammonta għal madwar 50 % aktar mill-mira ta' tmiem is-sena, li allura x'aktarx li mhijiex se tintlaħaq. Sa tmiem Diċembru 2019 kellu jitlesta pjan ta' azzjoni komprensiv għall-aċċellerazzjoni tal-ikklirjar tal-każi pendenti ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi. Issa l-awtoritajiet ikkommettew ruħhom li jippreżentawh sa tmiem Marzu 2020. Dan mistenni juża tekniki differenti li jnaqqsu l-perjodu bejn il-preżentazzjoni ta' każ u s-smigħ tiegħu mill-qorti realistikament, u jiffaċilita l-kontroll tal-eliġibbiltà tal-provi li jitressqu. F'dan l-isfond, huwa rilevanti li wieħed jinnota li l-awtoritajiet ippreżentaw ukoll abbozz ta' proposta leġiżlattiva għall-għoti ta' taħriġ lill-imħallfin tal-qorti tal-maġistrati, li huma dawk li jittrattaw il-każijiet ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi.

- **L-ikklirjar tal-każi pendenti tal-garanziji statali mitluba**: L-awtoritajiet żiedu l-isforzi tagħhom u impenjaw ruħhom li jieħdu passi biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-ikklirjar tal-għadd ta' każi pendenti ta' garanziji mitluba, li għadu konsiderevoli. Il-pjani aġġornati jipprevedu l-ipproċessar tal-garanziji mitluba kollha tas-self korporattiv sa tmiem l-2022 u s-self tal-persuni fiżiċi sa tmiem l-2023. Il-pagament tal-pretensjonijiet mistenni jsegwi minnufih wara li titlesta l-eżaminazzjoni ta' kull pretensjoni, ħlief għal (i) pretensjonijiet li jkunu suġġetti għal-litigazzjoni u ma jistgħux jitħallsu qabel ma jingħalqu l-każi fil-qorti u (ii) każi fejn il-krediturі jeħtieġ li jippreżentaw dokumentazzjoni addizzjonali. Għal

dawn il-każi, il-pagamenti mistennija li jsiru fi żmien sena addizzjonali wara l-ipproċessar tal-pretensjoni, u jridu jiġu konklużi totalment sa tmiem l-2025. Il-kost fiskali tal-istrateġija tal-ikklirjar prevista mistennija tiġi inkorporata fl-aġġornament tal-2020 tal-Istrateġija Fiskali fuq Terminu Medju. L-effikaċja tal-pjan ta' azzjoni tista' tissaħħaħ filwaqt li jkun jista' jintbagħat sinjal pożittiv fir-rigward tal-pagamenti ġejjiena mill-istat lis-sistema finanzjarja jekk jiġi żgurat li jsiru pagamenti konsiderevoli diġà fl-2020, b'riżultati li jidhru sa nofs is-sena, u jekk jiġu esplorati aktar modi kif il-garanziji skedati għall-2024 jiġu proċessati fl-2023.

- **Il-protezzjoni tar-residenza primarja**: L-iskema tal-protezzjoni tar-residenza primarja li ddaħħlet fis-seħħ permezz ta' sussidju statali biex tingħata għajnuna lid-debituri jħallsu self ipotekarju għadha mhijiex tintuża wisq u l-awtoritajiet tennew l-impenn tagħhom li l-protezzjoni se tiskadi fi tmiem April 2020.

- **Irkanti elettroniċi**: Sa issa għadha ma saret l-ebda analiżi komprensiva dwar liema raġunijiet qed jimpedixxu l-proporzjon għoli ta' suċċess tal-irkanti elettroniċi, fosthom proposta li tkun tinkludi rimedji leġiżlattivi possibbli. L-awtoritajiet jafu bl-eżistenza ta' impedimenti li jwasslu biex l-irkanti elettroniċi biex il-banek jillikwidaw il-kollateral tagħhom ta' spiss ma jirnexxux, u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw azzjonijiet li jipprevjenu każi ta' abbuż proċedurali, speċjalment permezz tat-tfassil ta' mekkaniżmu proċedurali effettiv għat-trattament tat-talbiet ta' aġġustament tal-prezzijiet.

- **Inizjattivi oħrajn**: L-istituzzjonijiet Ewropej appoġġaw il-fatt li t-trattament fiskali favorevoli ta' tħassir ta' self li kien skada fi tmiem l-2018 se jerġa' jiddaħħal, billi dan se jżid l-inċentivi għar-ristrutturar tad-dejn. L-awtoritajiet lestew il-valutazzjoni tagħhom tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi riformat tal-Proċedura Ċivili, li għandu l-għan li jsaħħaħ l-effettività tal-proċeduri tal-qorti u jaċċellera l-ipproċessar ta' każi permezz ta' istanzi ċivili, u mistennija jiffinalizzaw il-formulazzjoni u l-proposti eventwali għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għal titjib fil-ġejjieni sa nofs Lulju 2020.

Il-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja kompla jeżerċita d-drittijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja fl-erba' banek sistemiċi. Fl-aħħar perjodu ta' rapportar, iffoka fuq it-titjib tal-governanza tal-banek, b'valutazzjoni tal-mudelli kummerċjali, u mexa 'l quddiem bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Ħruġ tiegħu. Id-diskussjonijiet bejn il-Fond u l-Ministeru tal-Finanzi dwar l-involviment potenzjali tal-awtoritajiet fl-aħħar stadju tal-iżvestiment u l-protezzjoni legali għall-korpi governattivi u għall-persunal tal-Fond għadhom ma ġewx iffinalizzati. Il-ħarsien tal-indipendenza tal-Fond għadu s-sies tal-proċess lejn il-fejqan tas-settur bankarju.

IS-SWIEQ TAX-XOGĦOL U TAL-PRODOTTI U L-KOMPETITTIVITÀ

L-awtoritajiet qed iħejju Strateġija ġdida ta' Tkabbir Nazzjonali. L-istrateġija l-ġdida se tibbenefika mill-kontribut ta' grupp ta' esperti ta' livell għoli ([8]) u se titlesta sa nofs l-2020. Din mistennija tistabbilixxi prijoritajiet ta' riforma fuq terminu medju li jkunu kemm komprensivi kif ukoll azzjonabbli, bil-għan li tingħata spinta lill-esportazzjonijiet u lill-investiment. Wara l-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Iżvilupp f'Ottubru 2019, issa l-awtoritajiet qed

([8]) Din hija magħmula minn esperti famużi u hija ppreseduta mill-ekonomista Christopher Pissarides, li rebaħ il-premju Nobel.

iħejju wkoll leġiżlazzjoni sekondarja, li hija prekundizzjoni biex il-qafas il-ġdid jibda jiffunzjona bis-sħiħ.

L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jissalvagwardjaw il-kompetittività meta jagħmlu l-aġġornament annwali tal-paga minima, konxji mir-rekwiżit tal-leġiżlazzjoni Griega li tissalvagwardja wkoll il-kapaċità tal-akkwist. Bħalissa qed titħejja valutazzjoni *ex post* tal-aħħar żieda fil-paga minima u tal-abolizzjoni tal-paga subminima taż-żgħażagħ, li saret fi Frar 2019, bl-għajnuna ta' proġett ta' appoġġ tekniku tal-Kummissjoni Ewropea li ġie implimentat mill-Bank Dinji. Wara din il-valutazzjoni *ex post*, il-konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali u r-rakkomandazzjonijiet ta' kumitat ta' esperti indipendenti, f'Ġunju 2020 il-gvern mistenni jieħu deċiżjoni dwar il-livell il-ġdid tal-paga minima. B'konformità mal-qafas legali, dan għandu jissejjes fuq analiżi tal-elementi fundamentali ekonomiċi u djalogu ġenwin mas-sħab soċjali.

L-awtoritajiet iffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni 2017-2019 tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, impenn speċifiku ta' tmiem l-2019, u issa qed jippreparaw proċess li jħejji s-segwitu. Il-pjan ta' azzjoni ta' qabel ippromwova wkoll approċċ integrat fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat, fosthom miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet differenti u jtejbu l-kapaċità li jinqabad ix-xogħol mhux iddikjarat. Issa l-awtoritajiet qed ifasslu segwitu għal dan il-pjan ta' azzjoni.

L-awtoritajiet ħejjew pjan ta' azzjoni għall-espansjoni ta' mudell ta' implimentazzjoni ġdid ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol madwar il-pajjiż kollu, biex b'hekk jinkiseb progress lejn il-finalizzazzjoni tal-introduzzjoni tal-iskema tal-Introjtu ta' Solidarjetà Soċjali, li huwa impenn speċifiku ta' tmiem l-2019. L-għan tal-pjan ta' azzjoni aġġornat huwa li jitfa' enfasi strateġika fuq il-promozzjoni ta' żieda fit-tul u sostenibbli tal-impjiegi permezz ta' approċċ integrat u mmirat. Wara proġett pilota inizjali, il-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid għandu jiġi estiż lejn tliet reġjuni oħra fl-isfond ta' introduzzjoni eventwali fil-livell nazzjonali.

L-awtoritajiet bdew ħidma fuq aġenda ambizzjuża għal riforma komprensiva tal-edukazzjoni. Din tmur lil hinn mill-impenji tal-Grupp tal-Euro, u hija rilevanti għall-politika makro u soċjali billi tindirizza l-isparigġ fil-ħiliet, issaħħaħ it-tkabbir u tgħin fit-tnaqqis tal-faqar filwaqt li ttejjeb is-sitwazzjoni soċjali. Ir-riforma tiffoka fuq sfidi bħat-tisħiħ tal-kwalità tal-iskejjel pubbliċi, it-titjib tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u t-titjib tal-kwalità ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet ([9]). Iddaħħlet liġi ġdida dwar l-edukazzjoni għolja bil-għan li taġġorna l-evalwazzjoni u l-akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u torbot il-finanzjament tal-universitajiet mal-prestazzjoni tagħhom, filwaqt li qed jiġu ppjanati għadd ta' bidliet għall-edukazzjoni obbligatorja, fosthom l-implimentazzjoni ta' programm preskolastiku obbligatorju ta' sentejn.

([9]) Il-Greċja hija kklassifikata bħala waħda minn fost l-aktar pajjiżi tal-UE batuti fir-rigward tad-dimensjoni tal-isparigġ tal-ħiliet fl-Indiċi Ewropew tal-Ħiliet, b'waħda mill-ogħla rati ta' kwalifiki terzjarji eċċessivi fost il-gradwati (31,6 %) u ta' sparigġi ta' kwalifiki fost il-pajjiżi tal-UE. Dan huwa mixhud ukoll mill-aħħar riżultati tal-PISA, li turi li l-Greċja tikklassifika sew taħt il-medja tal-OECD fil-litteriżmu, fil-matematika u fix-xjenza. Fir-rigward tal-edukazzjoni diġitali, huma biss 46 % tal-persuni fl-età bejn is-16 u l-74 li jidher li għandhom tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi, filwaqt li 31 % ma għandhom l-ebda ħila diġitali affattu (il-medja tal-UE: 17 %). Dawn l-isfidi huma enfasizzati wkoll fir-Rapport tal-Pajjiż dwar il-Greċja tal-2020 tal-Kummissjoni, li ġie adottat fis-26 ta' Frar 2020 fl-istess waqt ta' dan ir-rapport (COM(2020) 507).

Il-progress fl-oqsma tad-diplomazija ekonomika u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, li mistennija jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-Greċja, ġie ostakolat minħabba arranġamenti istituzzjonali mhux kompluti. Il-leġiżlazzjoni li testendi l-mandat u r-responsabbiltajiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin fir-rigward tad-diplomazija ekonomika ddewmet, u mistennija titlesta f'Marzu 2020, filwaqt li l-istrateġija nfisha hija prevista għal April 2020. Il-ħolqien ta' bażi legali soda għall-awtorità unika u l-aġġustament tal-istrutturi interistituzzjonali huma prerekwiżiti biex l-awtoritajiet jiksbu sinerġiji u koeżjoni politika f'dan il-qasam.

Minkejja xi dewmien li ġie kkawżat l-aktar minn fatturi lil hinn mill-kontroll tal-awtoritajiet, fil-parti l-kbira tagħha l-ħidma fuq il-liċenzjar tal-investiment tinsab fi stadju tajjeb u l-awtoritajiet huma impenjati li jlestu r-riforma sal-iskadenzi maqbula. L-awtoritajiet saħħew il-kapaċità amministrattiva tas-servizz rilevanti li jikkoordina r-riforma u ggarantew aktar għajnuna teknika tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-ħidma li fadal. L-iffirmar tal-kuntratt tal-akkwist pubbliku għas-sistema tal-IT, li huwa l-ewwel pass lejn l-iskjerament totali tas-sistema tal-IT (impenn speċifiku ta' tmiem l-2019), iddewwem minħabba kumplikazzjoni fir-rigward tal-proċedura tal-offerti li mhijiex fil-kontroll tal-awtoritajiet. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-liġi qafas tal-ispezzjonijiet (impenn speċifiku ta' nofs l-2020) miexja 'l quddiem, għajr għal xi dewmien żgħir. L-awtoritajiet għadhom ukoll impenjati li jilħqu l-iskadenza tal-impenn speċifiku ta' nofs l-2020 dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-liċenzjar fis-setturi tal-ekonomija li għad fadal, minkejja xi dewmien.

L-awtoritajiet għandhom l-għan li jikkonkludu r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-fastidju sa nofs l-2020, ħafna qabel l-impenn speċifiku ta' nofs l-2021, u qegħdin jaħdmu wkoll fuq aktar miżuri li jtejbu l-oqfsa tal-liċenzjar ambjentali u tal-ispezzjoni. L-awtoritajiet iffirmaw kuntratt ma' konsulent tekniku biex jgħinhom fl-allinjament tal-klassifikazzjoni ta' fastidju mas-sistema ta' klassifikazzjoni ambjentali bil-għan li jfasslu l-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti sa nofs l-2020. Uħud mill-passi addizzjonali li huma ppjanati biex jittejjeb il-qafas tal-liċenzjar jinkludu s-simplifikazzjoni tal-proċess tat-tiġdid u tal-emendar tal-permessi ambjentali, iċ-ċertifikazzjoni tal-assessuri ambjentali esterni, ir-riorganizzazzjoni tal-qafas amministrattiv għall-ispezzjonijiet, u ċ-ċertifikazzjoni tal-ispetturi esterni. Din tal-aħħar tkun pass importanti biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet attwali tal-qafas tal-infurzar. L-awtoritajiet qegħdin jirrieżaminaw ukoll ċerti dispożizzjonijiet li ġew illeġiżlati mill-amministrazzjoni ta' qabel fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni potenzjali mal-prinċipji tar-riforma tal-liċenzjar tal-investiment, bil-għan li sa Settembru 2020 jiġu lleġiżlati l-emendi meħtieġa. L-impenn li jinsab għaddej u r-rwol imsaħħaħ tas-servizz rilevanti li jikkoordina din ir-riforma fl-iskrutinju tal-leġiżlazzjoni ġejjiena jissalvagwardjaw il-kontinwità ta' din ir-riforma.

Il-proġett katastali jinsab fit-triq it-tajba iżda l-iskadenzi marbuta miegħu kellhom jiġu aġġustati minħabba d-dewmien akkumulat minn qabel. Il-problema tad-dewmien fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-proprjetà, li wasslet biex tnaqqas ir-ritmu tal-proċess tal-immappjar katastali, ingħelbet fil-parti l-kbira tagħha, u fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tista' titnieda l-fażi li jmiss tal-immappjar. Madankollu, fid-dawl tad-dewmien li ġie akkumulat qabel, kien hemm il-bżonn li ssir ir-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-proġett katastali biex l-iskedi ta' żmien u l-passi intermedji jiġu aġġustati b'manjiera kredibbli. F'dan ir-rigward, l-iskadenza tat-tlestija tal-immappjar katastali nbidlet minn nofs l-2021 għal Mejju 2022, bl-introduzzjoni ta' objettivi intermedji. Il-proġett għaddej b'momentum tajjeb u l-awtoritajiet qed juru ruħhom responsabbli mill-proċess, li hija bażi soda għat-tlestija eventwali tal-

proġett. Fuq in-naħa istituzzjonali, l-awtoritajiet qed jippjanaw li jifthu uffiċċji reġjonali madwar il-Greċja minnufih u jagħtuhom l-awtorità li jifthu s-subuffiċċji lokali previsti, biex b'hekk jaċċelleraw il-progress lejn il-ħolqien tal-aġenzija katastali (impenn speċifiku ta' nofs l-2020).

Il-progress lejn l-ikkompletar tal-impenji tal-Greċja għas-suq tal-enerġija tagħha ssokta bis-sottomissjoni inizjali tal-proposti riveduti biex isir tentattiv ta' rimedju għat-thassib tal-antitrust sal-eliminazzjoni gradwali tal-linjite, flimkien mal-formulazzjoni ta' strateġija komprensiva dwar l-enerġija u l-klima. Dan huwa pass biex jiġi indirizzat it-thassib dwar il-kompetizzjoni li għad fadal dwar l-aċċess privileġġat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija permezz tal-linjite min-naħa tal-Kumpanija Pubblika tal-Enerġija u biex fl-aħħar tinkiseb il-konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni u mas-sentenzi tal-Qorti. L-indirizzar tad-distorsjonijiet li ilhom jeżistu fis-suq tal-operaturi (inklużi r-rimedji għall-impenn tal-antitrust, li issa se jkopru l-**impenn speċifiku ta' tmiem l-2019**, billi jiġu inklużi miżuri addizzjonali fis-settur tal-enerġija) se jżid il-livell tal-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku tal-Greċja, u jistabbilixxi l-bażi għal aktar investiment u l-appoġġ għar-riforma Griega fis-settur tal-enerġija. F'dan il-kuntest, tajjeb li wieħed jinnota li f'Diċembru 2019 il-Greċja adottat il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima b'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, qabel uħud mill-Istati Membri l-oħra. Il-pjan jispjega l-istrateġija enerġetika tal-Greċja sal-2030, abbażi tad-dikummissjonar bikri tal-impjanti tal-linjite, u juri l-ambizzjoni tiegħu b'żieda fil-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, bl-effiċjenza enerġetika u bit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2. Huwa inkoraġġit li tinbena kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi soċjali tat-tranżizzjoni, fosthom taħt il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

L-implimentazzjoni tal-mudell mira għas-suq tal-elettriku, li hija impenn speċifiku li ġie riskedat għal nofs l-2020, fil-parti l-kbira tagħha għaddejja skont l-iskeda ppjanata. Minn mindu tressaq l-aħħar rapport il-Greċja għamlet passi 'l quddiem, bħal pereżempju dwar l-approvazzjoni tar-regoli tal-ikklirjar tas-swieq spot. Kważi r-regoli tekniċi kollha li kien għad fadal ġew ippreżentati lill-awtorità regolatorja biex jiġu approvati. Saret aktar ħidma biex jiġi żgurat li s-suq lokali jiġi akkoppjat mas-swieq Bulgari u Taljani mingħajr dewmien żejjed wara d-dħul fis-seħħ tas-suq spot.

IL-KORPORAZZJONI ELLENIKA TAL-ASSI U TAL-PARTEĊIPAZZJONIJIET

Il-ħidma tal-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u tal-Parteċipazzjonijiet fuq l-oqsma ewlenin koperti mill-impenji li ttieħdu fil-konfront tal-Grupp tal-Euro għadha għaddejja. Minn mindu ġie ppubblikat ir-raba' rapport dwar is-sorveljanza msaħħa f'Novembru 2019, sar progress fit-titjib tal-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-istat (fosthom ir-rieżamijiet tal-bordijiet u tal-politiki tar-remunerazzjonijiet). Barra minn hekk, il-Korporazzjoni qiegħda żżid l-enfasi fuq it-titjib operazzjonali fl-intrapriżi tal-istat. Sfida ewlenija f'dan ir-rigward se tittratta l-indirizzar effettiv tal-kwistjonijiet operazzjonali u finanzjarji sinifikanti fil-Posta Ellenika u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-finanzjament tal-pjan ta' ristrutturar, b'konformità mal-qafas tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet urew impenn u appoġġ qawwi għall-ħidma importanti tal-Korporazzjoni. Sadanittant, il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-Korporazzjoni tnieda għall-intrapriżi kollha, il-mandati ta' tmien intrapriżi tlestew u tressqu lill-Kumitat tal-Kabinett, u għaddejja ħidma dwar l-aġġornament tal-gwida ministerjali. Il-Korporazzjoni qed tissokta l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku tagħha (**impenn kontinwu**), u qed twettaq monitoraġġ tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin li stabbilixxiet għas-sussidjarji tagħha.

Sfida ewlenija li għad fadal tittratta l-ksib tal-potenzjal sħiħ tal-portafoll tal-proprjetà immobbli taħt il-Kumpanija tal-Proprjetà Pubblika, filwaqt li dalwaqt jitlesta l-iskrinjar tat-trasferiment tal-assi tal-proprjetà immobbli addizzjonali. It-trasferiment taċ-Ċentru Atletiku Olimpiku (OAKA), li kien impenn ta' tmiem l-2018, se jiddewwem minħabba l-kumplessitajiet prattiċi, li ma jistgħux jiġu evitati minħabba l-istatus tal-assi.

L-awtoritajiet żammew il-momentum fil-proċess tal-privatizzazzjoni kif hu rifless fil-progress tajjeb li nkiseb fuq diversi tranżazzjonijiet. Dan se jkun essenzjali biex jitħarsu l-isforzi biex il-proġetti jħallu l-frott. Kif issemma fir-rapporti ta' qabel, l-iskeda ta' żmien għall-proġetti ewlenin ta' hawn isfel intlaqtet minn dewmien jew minn fatturi li fil-parti l-kbira tagħhom mhumiex fil-kontroll tal-awtoritajiet. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet qed ikomplu jagħmlu progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Assi (**impenn kontinwu**). B'mod partikolari:

- **Hellinikon (impenn speċifiku ta' tmiem l-2018):** Filwaqt li l-proċess tas-sejħa għall-offerti għall-għoti tal-liċenzja tal-każinò jista' jiddewwem minħabba fatturi li mhumiex fil-kontroll tal-gvern, l-awtoritajiet qed jaħdmu biex jiffinalizzaw il-kundizzjonijiet l-oħra ta' qabel it-tranżazzjoni. Adottaw leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-park metropolitan u dwar l-allokazzjoni ta' żoni għall-iżvilupp u għall-urbanizzazzjoni, u ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet involuti kollha dwar id-diviżjoni tas-sit ta' Hellinikon, filwaqt li l-awtoritajiet jinsabu fil-proċess li jieħdu passi biex jiffinalizzaw il-ftit kwistjonijiet pendenti dwar ir-rilokazzjoni tal-utenti pubbliċi u privati li għad fadal u dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċess ta' twaqqigħ tal-bini.

- **Il-marina ta' Alimos (impenn speċifiku ta' nofs l-2019):** Il-Qorti tal-Awdituri approvat il-proċedura ta' ħruġ ta' offerti fis-26 ta' Ġunju 2019. Primarjament, ir-raġuni tad-dewmien biex it-tranżazzjoni tingħalaq mil-lat finanzjarju kienet il-proċess ta' diliġenza dovuta mill-banek, li huwa meħtieġ għall-finanzjament tat-tranżazzjoni.

- **Hellenic Petroleum (impenn speċifiku ta' nofs l-2019):** Wara li l-bejgħ ippjanat ta' sehem ta' maġġoranza ma rnexxiex, l-għeluq finanzjarju huwa suġġett inevitabbilment għal dewmien sinifikanti. Ir-reviżjoni tal-istruttura u tat-twaqqit għandha tiġi deċiża abbażi ta' dak li jagħti l-akbar valur kummerċjali u strateġiku għall-Greċja. L-awtoritajiet għad iridu jiddeċiedu dwar l-approċċ u issa l-iskeda ta' żmien tentattiva hija mistennija sa Marzu 2020.

- **Il-bejgħ ta' 30 % tal-Ajruport Internazzjonali ta' Ateni (impenn speċifiku ta' tmiem l-2019):** Il-proċess tas-sejħa għall-offerti miexi tajjeb. Fil-31 ta' Jannar 2020, il-Bord tad-Diretturi tal-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika (TAIPED) iddeċieda li disa' partijiet ta' investiment huma kkwalifikati li jipproċedu għall-Fażi ta' Offerti Vinkolanti, u b'hekk din il-fażi tnediet effettivament. It-tranżazzjoni mistennija tingħalaq finanzjarjament qabel tmiem is-sena.

- **Il-Korporazzjoni Pubblika tal-Gass (impenn speċifiku ta' tmiem l-2019):** Il-leġiżlazzjoni meħtieġa għas-separazzjoni parzjali tal-fużjoni tal-kumpanija u l-bejgħ tas-sehem kollu tal-Fond tal-Iżvilupp tal-Assi fil-kumpanija (jiġifieri 65 %) ġiet adottata f'Novembru 2019. Il-proċess tas-sejħiet għall-offerti internazzjonali għall-Infrastruttura tad-DEPA tnieda fid-9 ta' Diċembru 2019, fejn il-Fond u l-Hellenic Petroleum qegħdin jaġixxu bħala bejjiegħa konġunti (u qed joffru 100 % tal-kapital

tal-ishma tal-Infrastruttura tad-DEPA). Il-proċess tas-sejħiet għall-offerti internazzjonali għall-bejgħ ta' 65 % tal-kapital tal-ishma tnieda fit-23 ta' Jannar 2020.

- **Egnatia (impenn speċifiku ta' tmiem l-2019):** Il-konċessjoni fit-tul għall-awtostrada Egnatia kienet ikkaratterizzata minn dewmien u problemi sistematiċi u ħarġet fid-dieher nuqqas ta' sjieda tal-proċess. L-awtoritajiet enfasizzaw l-impenn qawwi tagħhom li jipproċedu bit-tranżazzjoni. Mill-aħħar rapport ta' sorveljanza msaħħa bdew joperaw tliet stazzjonijiet ta' pedaġġ frontali, filwaqt li l-istituzzjonijiet ingħataw pjan direzzjonali dettaljat, bi skeda ta' żmien speċifika għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet pendenti meħtieġa kollha sa Mejju 2020. L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali nbdiet, u se tkun essenzjali biex tibni fuq il-progress u tieħu l-passi kollha meħtieġa sew qabel l-iskadenza riveduta għall-preżentazzjoni ta' offerti vinkolanti fis-26 ta' Ġunju 2020.

- **Il-Portijiet Reġjonali (impenn speċifiku ta' tmiem l-2019):** L-awtoritajiet huma favur l-għoti ta' flessibbiltà fl-għażla tal-istruttura tat-tranżazzjoni tal-privatizzazzjoni (jiġifieri s-subkonċessjoni, il-bejgħ ta' ekwità) sabiex tkun tista' tintgħażel l-aħjar struttura tat-tranżazzjoni tal-privatizzazzjoni għal kull port. L-emenda legali rilevanti ġiet adottata mill-Parlament fit-12 ta' Frar, filwaqt li l-Fond tal-Iżvilupp tal-Assi beda l-proċess tal-impjegar ta' konsulenti esterni għall-bejgħ ta' ekwità għal erba' portijiet.

L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

L-awtoritajiet qegħdin jieħdu passi biex jiksbu progress dwar il-governanza diġitali, li hija waħda fost l-anqas avvanzati fl-UE. Minkejja xi dewmien, il-"Bibbja Diġitali" l-ġdida mistennija li titlesta sa Marzu 2020, u se tistabbilixxi proġetti għall-amministrazzjoni pubblika kif ukoll miżuri li jsaħħu l-prestazzjoni diġitali kumplessiva. Fattur essenzjali biex din tiġi implimentata b'mod effettiv se jkun iċ-ċarezza tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tagħha fi ħdan l-amministrazzjoni. Qed isir progress fuq proġetti importanti, bħall-ħolqien ta' pjattaforma unifikata (gov.gr) għas-servizzi elettroniċi, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà tas-sistemi pubbliċi, u s-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi li jaffettwaw liċ-ċittadini. Prijorità oħra għall-Greċja tkun is-simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċessi li qed ikunu ta' piż għan-negozji.

Il-ħatra ta' Segretarji Permanenti fl-amministrazzjoni pubblika miexja 'l quddiem u l-proċess tal-għażla tad-Diretturi tkompla. Skont l-awtoritajiet, il-ħatriet għall-karigi ta' Segretarji Permanenti għandhom jitlestew sa Marzu 2020, filwaqt li l-karigi ta' direttur mistennijin li jitlestew sa Awwissu 2020. Se jkun importanti li jiġi żgurat li l-emendi legali ppjanati għall-ħatriet futuri ta' diretturi u kapijiet ta' diviżjoni jissalvagwardjaw ir-rwol tal-Kunsill Suprem għall-Għażla ta' Persunal Ċivili (ASEP) fil-proċess.

L-awtoritajiet għamlu xi progress fil-ħolqien ta' proċess tal-għażla miftuħ għall-karigi ta' maniġment superjuri f'entitajiet tas-settur pubbliku([10]), li mistenni jiddaħħal fis-seħħ sa Mejju 2020. L-implimentazzjoni ta' proċess tal-għażla miftuħ bħala qafas standard għal dawn l-entitajiet legali se tkun strumentali fit-tisħiħ tal-amministrazzjoni professjonali tagħhom u biex jintbagħat messaġġ ċar għad-depolitiċizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika. F'każ li xi entitajiet mhumiex suġġetti għall-qafas standard, fid-

([10]) Fil-kuntest tal-Greċja, dawn il-korpi tas-settur pubbliku huma msemmija bħala entitajiet legali tal-liġi pubblika u entitajiet legali tal-liġi privata.

dawl ta' rwoli speċifiċi tal-ordni pubbliku, ikun importanti li l-għadd ta' dawn l-eċċezzjonijiet jinżamm kemm jista' jkun baxx abbażi ta' kriterji ċari, u li jiġi żgurat li l-qafas jipprevedi amministrazzjoni effettiva ta' dawn l-entitajiet.

L-awtoritajiet issoktaw jagħmlu progress fl-iżvilupp ta' Strateġija għall-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Umani, filwaqt li tlestew il-maġġoranza tal-organigrammi diġitali u tad-deskrizzjonijiet tal-impjiegi, impenn speċifiku ta' tmiem l-2019. Madankollu, uħud mill-entitajiet il-kbar (fosthom il-Fond tas-Sigurtà Soċjali (EFKA) u l-Fond tal-Impjiegi (OAED)) għad iridu jiġu inklużi bis-sħiħ fl-eżerċizzju, u hija prijorità għall-awtoritajiet li l-introduzzjoni titlesta sa tmiem April 2020. Is-sistema ta' mobbiltà u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni saru stabbiliti sew fl-amministrazzjoni pubblika u qed jiġu ppjanati aġġustamenti biex isiru aktar effiċjenti. F'Ottubru 2019, l-awtoritajiet daħħlu fis-seħħ qafas li jippermetti li s-settur pubbliku jabbina lil kull impjegat ma' deskrizzjoni ta' impjieg speċifika, u b'hekk tinħoloq rabta mal-Awtorità Unika ta' Pagament. L-awtoritajiet mistennija jivverifikaw il-konformità sħiħa ma' dan il-qafas sa April 2020.

L-awtoritajiet qed jippjanaw li jipproċedu bit-titjib tas-sistema tal-għażla tal-persunal u jistabbilixxu approċċ koerenti li jissimplifika s-sistema tal-klassifikazzjoni tal-impjiegi. Inħoloq kumitat li jirrieżamina l-liġi abilitanti tal-Kunsill Suprem għall-Għażla tal-Persunal Ċivili (ASEP) bil-għan li l-proċessi ta' reklutaġġ jiġu ssimplifikati u aċċellerati. F'dan il-kuntest, ikun importanti li r-riorganizzazzjoni ppjanata tal-Kunsill Suprem ittejjeb il-kapaċità tiegħu li jassumi r-responsabbiltajiet ġodda li ngħata b'mod effiċjenti, bħas-sorveljanza tal-għażla tal-amministraturi fl-amministrazzjoni pubblika.

L-awtoritajiet ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li sa nofs 2020 se jadottaw liġi ġdida ta' kodifikazzjoni għall-Kodiċi tal-Liġi tax-Xogħol u l-Kodiċi tad-Dispożizzjonijiet Regolatorji tax-Xogħol, b'konformità mal-impenn speċifiku. L-awtoritajiet huma impenjati ferm favur l-inizjattiva għaliex iqisu l-proċess ta' kodifikazzjoni bħala opportunità li jsir rieżami profond tal-qafas legali ta' bħalissa. Għadd ta' dispożizzjonijiet legali tal-Liġi Eżekuttiva tal-Istat se tikkontribwixxi f'dan ir-rigward, fosthom il-ħolqien mill-ġdid tal-Kumitat Ċentrali tal-Kodifikazzjoni, filwaqt li se jkun importanti li jiġu allokati biżżejjed riżorsi għal din il-ħidma minħabba l-kumplessità tagħha.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Liġi Eżekuttiva tal-Istat dwar it-tfassil tajjeb tal-liġijiet daħlu fis-seħħ f'Jannar 2020 u mistennija jtejbu l-kwalità tal-liġijiet u jnaqqsu l-emendi mhux relatati u tal-aħħar minuta b'mod sinifikanti. Il-qafas il-ġdid jinvolvi valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi, konsultazzjonijiet pubbliċi standard u kontroll imtejjeb tal-kwalità, filwaqt li l-persunal magħżul se jingħata t-taħriġ rilevanti. L-inizjattiva għandha l-potenzjal li ttejjeb ferm iċ-ċarezza u l-koerenza tat-tfassil tal-liġijiet, u jkollha effetti pożittivi fuq il-klima tal-investiment, filwaqt li se jkun essenzjali li tiġi implimentata bir-reqqa. Il-liġi tinkludi wkoll dispożizzjonijiet għad-delega tas-setgħat ta' ffirmar lil-livell mhux politiku li daħlu fis-seħħ fi Frar 2020. Ladarba tiġi infurzata, huwa stmat li madwar 80 % tad-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu f'kull ministeru jibdew jiġu ffirmati fil-livell tad-Direttur Ġenerali.

L-impjegar ta' persunal permanenti jinsab għaddej b'konformità mal-pjan tal-persunal, filwaqt li x-xejra dejjem tiżdied li jintuża persunal temporanju naqset u l-livell mistenni jkompli jonqos matul l-2020. Skont *data* preliminari, l-għadd ta' persunal permanenti impjegat matul l-2019 kien ħafna anqas mill-għadd li telaq, l-aktar dawk li ħarġu bil-pensjoni. L-għadd ta' persunal temporanju mistenni li jitnaqqas fl-2020, skont il-konverżjoni ppjanata ta' għalliema temporanji u postijiet ta' assistenza fid-dar f'postijiet

permanenti b'konformità mal-pjan ta' reklutaġġ. Fil-livell operazzjonali, l-awtoritajiet qed jippjanaw passi biex isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ta' tmexxija relatati mal-persunal temporanju.

Filwaqt li d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-pagi jqajmu tħassib dwar l-integrità tal-grilja unifikata tal-pagi, inkiseb progress rigward it-tisħiħ tal-kontroll ċentrali fuq il-grilja tal-pagi u l-proċeduri ta' reklutaġġ. Għadd ta' emendi legali introduċew aktar eċċezzjonijiet għall-grilja unifikata tal-pagi, prinċipalment dwar l-*allowances*. Biex jiġġestixxu r-riskji għall-integrità tal-grilja tal-pagi, bħala l-ewwel pass l-awtoritajiet iddeċidew li jistabbilixxu kumitat interministerjali b'mandat li jiggarantixxi l-koerenza ġenerali u l-kontroll imsaħħaħ, u qed jiġu kkontemplati miżuri addizzjonali li jgħinu aktar biex jitrażżnu r-riskji. Fuq in-naħa l-pożittiva, il-leġiżlazzjoni primarja riċenti li ppermettiet ir-riorganizzazzjoni tal-Awtorità Unika tal-Pagamenti wasslet għall-implimentazzjoni tal-proġett tal-IT li dam biex jitlesta, bil-għan li tinħoloq sistema tal-pagi integrata diġitalizzata bis-sħiħ għall-impjegati kollha tal-gvern. L-awtoritajiet qegħdin jikkunsidraw kif jistgħu jipproċedu bl-implimentazzjoni tal-fażi tal-aħħar ta' din ir-riforma, li tinkludi l-għoti ta' mandat lill-Awtorità Unika tal-Pagamenti li twettaq is-saldu tal-pagi kollha.

IL-ĠUSTIZZJA

Il-qalba gradwali lejn is-sistema obbligatorja ta' sottomissjoni u pproċessar elettroniċi ta' dokumenti legali miexja 'l quddiem, u bdiet mill-ġuriżdizzjonijiet amministrattivi, impenn speċifiku ta' tmiem l-2019. Minħabba l-kumplessità tal-proġett, kien intlaħaq ftehim li l-introduzzjoni totali fil-qrati kollha sa tmiem l-2019 ma kinitx teknikament possibbli u li l-impenn kien se jiġi vvalutat abbażi tal-progress li jkun inkiseb fit-tieni fażi tas-Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Każi Ġudizzjarji fir-rigward ta' introduzzjoni sħiħa fuq perjodu ta' 36 xahar minn meta jiġi attivat il-kuntratt rilevanti.

L-awtoritajiet mixjin 'il quddiem, għalkemm b'element ta' dewmien, bis-sejħa għall-offerti għat-tieni fażi tas-Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Każi Ġudizzjarji, impenn speċifiku ta' nofs l-2020. Wara xi dewmien minħabba tibdil fil-governanza interna, l-awtoritajiet huma impenjati li jippubblikawha dalwaqt. Meta jitqies id-dewmien li ġie akkumulat, l-implimentazzjoni sħiħa tat-tieni fażi tas-Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Każi Ġudizzjarji se tkun teknikament impossibbli li ssir sal-iskadenza oriġinali ta' nofs l-2020. Għalhekk ikun jaqbel li l-valutazzjoni tal-impenn issir abbażi tal-konklużjoni tal-proċeduri rilevanti tas-sejħa għall-offerti, sa tmiem l-2020, u ta' pjan ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għat-tlestija tal-proġett, kif hu stipulat fl-abbozz ta' dokumentazzjoni tal-offerta.

Wara li ġew adottati għadd ta' emendi legali, il-qafas tal-medjazzjoni obbligatorju, li l-implimentazzjoni tiegħu diġà ġiet posposta darbtejn, qiegħed jiddaħħal fis-seħħ gradwalment. Il-leġiżlazzjoni li ġiet adottata f'Novembru 2019 introduċiet qafas ta' medjazzjoni mibdul li jiddefinixxi mill-ġdid il-kategoriji tat-tilwim suġġett għal medjazzjoni obbligatorja, il-kost minimu tal-medjazzjoni, u għadd ta' aspetti proċedurali u tekniċi. L-implimentazzjoni tal-ewwel stadju ta' medjazzjoni obbligatorja bdiet fil-15 ta' Jannar 2020 u tkopri ċerti kategoriji ta' tilwim b'rabta mal-liġi tal-familja, u t-tieni fażi se ssegwi f'Marzu 2020, fejn se tiġi estiża għall-proċedimenti ordinarji tal-ewwel istanza.

L-Awtorità Nazzjonali tat-Trasparenza li għadha kemm inħolqot qed tinbena gradwalment, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni miexja 'l quddiem. Il-ħsieb hu li l-Awtorità se tkun qed topera bis-sħiħ f'Novembru 2020. Fil-parti l-kbira tagħha l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tinsab fit-

triq it-tajba, għalkemm għad iridu jiġu adottati ċerti deċiżjonijiet kruċjali. Pereżempju, l-oqfsa leġiżlattivi għall-uffiċċju għall-irkupru tal-assi u għall-uffiċċji tal-ġestjoni tal-assi għadhom fl-istadju ta' abbozz, li jimplika li dan l-istrument kruċjali tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni aktar ħa jdum ma jidħol fis-seħħ. Il-monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-qafas, fosthom dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, tal-ġlieda kontra r-reati finanzjarji u l-awditjar intern, se jkun ta' importanza kritika.

L-emendar tal-liġi li timmodifika l-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali huwa pass tajjeb, għalkemm għad fadal xi tħassib. Emenda li kienet saret f'Ġunju 2019 naqqset il-kategorija tar-reat ewlieni ta' tixħim attiv minn delitt gravissimu għal delitt. Filwaqt li din il-bidla tneħħiet gradwalment f'Novembru 2019, se tolqot għadd ta' każi li għaddejjin (għal aktar dettalji ara r-Rapport tal-Pajjiż tal-2020). L-awtoritajiet ħolqu kumitat bil-għan li sa tmiem l-2020 jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni fil-qasam tal-kodiċi kriminali. L-Awtorità Nazzjonali tat-Trasparenza se tingħata status ta' osservatur fil-kumitat.